Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 250/2010AE

**Hydrolelectric Limited**

**Vs**

**Geomike Limited u b'digriet tal-11 ta' April 2011 gie kjamat fil-kawza John Cauchi**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

Il-kumpannija konvenuta appellat minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju 2014 li permezz taghha giet kundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef u disa' mitt ewro u seba' u sebghin centezmu (€5,900.77), hlas ghall-bejgh u konsenja ta' oggetti tal-elettriku.

Is-socjeta konvenuta kienet iddefendiet ruhha billi argumentat[1] li m'hijiex il-legittimu kontradittur peress li qatt ma nnegozjat mal-attrici u qatt m'awtorizzat lil xi mpjegat taghha biex jidhol f'xi negozju mal-attrici. Jirrizulta li n-negozju sar ma' John Cauchi li m'huwiex azzjonist u lanqas awtorizzat sabiex jirraprezenta lill-konvenuta. Ghalhekk il-hlas ghandu jintalab minghandu.

Fir-rikors tal-appell l-aggravji tal-konvenuta huma:

1. L-ewwel qorti ma kkunsidratx li John Cauchi mar oltre minn dak li kien miftiehem bejnha u l-bank li minghandu ttiehed is-self ghal finijiet tax-xoghol tal-elettriku. Ghal dan ix-xoghol kien hemm allokat is-somma ta' €11,000, u hu stess ikkonferma li kien dahal garanti ghalih.
2. Mill-provi rrizulta li s-self minghand il-bank ghax-xiri tal-merkanzija kien jammonta ghal €11,000. Pero' rrizulta li John Cauchi xtara merkanzija b'valur ta' €54,406 iktar mill-ammont misluf. Dan ifisser li bhala mandatarju hareg barra mil-limiti tal-mandat. Ghalhekk japplika l-Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili.
3. John Cauchi xtara f'ismu u mhux f'isem l-appellanti.

Min-naha taghhom l-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet taghhom ghalfejn is-sentenza tal-ewwel qorti kienet gusta u kellha tigi kkonfermata (fol. 8 u 16).

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. M'huwiex kontestat li:-

[1] Ara twegiba li pprezentat quddiem l-ewwel qorti fl-14.2.2011.

i. Il-konvenuta nkarigat lil John Cauchi sabiex jiehu hsieb li jsir *refurbishment* tar-restaurant Cote d'Azur gewwa Marsascala. F'dan ir-rigward George Cauchi, direttur tas-socjeta konvenuta, xehed: *"... naqbel ukoll li kien John hija li kien qed jiehu hsieb ir-refurbishment."* (fol. 121).

ii. Il-merkanzija li nxtrat minghand is-socjeta attrici kienet intuzat kollha fil-progett tar-restaurant Cote d'Azur. Fil-fatt fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 George Cauchi xehed: *"Naqbel li l-oggetti kollha ntuzaw fir-Restaurant. Naf ukoll li qed jinxtraw oggetti minn ghand is-socjeta attrici."* (fol. 121). John Cauchi xehed: *"L-apparat tal-elettriku li nxtara permezz ta' dawn il-fatturi gie stallat fir-restaurant jismu Cote d'Azur. Dan hu proprjeta ta' Geomike Limited."* (fol. 100).

2. Fl-ewwel lok il-qorti tosserva li fl-atti m'hemmx provi li kien hemm cifra massima li John Cauchi seta' jonfoq ghal dak li jirrigwarda xiri ta' oggetti relatati mal-elettriku. Fir-rikors tal-appell issemmiet is-somma ta' €11,000. L-appellanti ssostni li: *"sabiex sar dan ix-xoghol is-socjeta Geomike hadet loan mill-bank u ghall-electrical installation u affarijiet relatati mad-dawl kien gie vvutat l-ammont ta' hdax il-elf ewro (eur 11,000)...."* (fol. 2). **Prova li ma tezistix**.

3. L-appellanti ssostni wkoll li peress li kien irrizulta mill-provi li s-self mill-bank ghall-provista tal-merkanzija kien jammonta ghal €11,000, meta xtara merkanzija b'iktar valur gie li hareg barra mill-inkarigu li nghata. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili, l-appellanti m'hijiex obbligata ghal dak li ghamel il-mandatarju barra mil-limiti tas-setgha li nghata. Il-qorti tosserva:

i. M'hemmx prova li *"... s-self mill-bank ghal provista ta' din il-merkanzija kien jammonta ghal €11,000...."*. Il-kuntratti ta' self li hemm fl-atti ma jaghtu ebda hjiel ta' din ic-cifra (fol. 148 u 156).

ii. L-Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-mandatarju:

*"Hu mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil."*

iii. Ma saritx prova li John Cauchi agixxa barra mil-limiti tal-mandat. Il-qorti ma taqbilx li saret xi prova li John Cauchi ma setax jonfoq iktar mis-somma ta' €11,000 ghax-xiri tal-merkanzija oggett tal-kawza[2]. Jirrizulta wkoll li hlasijiet kienu jsiru minn *current account* mal-Bank of

[2] Fir-rikors tal-appell l-appellanti qalet: *"Illi mill-provi prodotti huwa car li s-self mill-bank ghall-provista ta' din il-merkanzija kien jammonta ghal €11,000."* (fol. 4).

Valletta plc li kien f'isem, *"Mr George and Mr John Cauchi A/C Cote D'Azur Restaurant"*. Jekk il-verzjoni ta' George Cauchi ghandha mis-sewwa, wiehed kien jistenna li jkun hemm massimu ta' flus li John Cauchi seta' juza minn dan il-kont. Prova li m'hemmx.

iv. Il-merkanzija ntuzat fil-progett u ghadha titgawda mill-appellanti. Din hi prova li fil-fatt il-merkanzija nxtrat ghas-socjeta appellanti. Ghalhekk ukoll jekk **ghall-grazzja tal-argument biss** wiehed kellu jaccetta li John Cauchi agixxa lil hinn mis-setgha li nghata, l-appellanti irratifikat tacitament l-eghmil tieghu meta zammet u ghadha tgawdi mill-merkanzija u x-xoghol li sar gewwa l-fond Cote d'Azur.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appell hu fieragh il-qorti tikkundanna lill-appellanti sabiex thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223(3) tal-Kap. 12)**.

Anthony Ellul.